**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 23/2015**

**Illum: 15 ta' Jannar, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Clayton Tonna**
**(ID 259585(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Clayton Tonna ta' 29 sena, iben John u Rita nee` Micallef, imwieled Pieta` nhar l-10 ta' Mejju 1985, residenti gewwa Block H, Flat 4, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` 259585(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Dicembru 2014:

a) Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (*cannabis grass*) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Dicembru 2014 u l-hames snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

b) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2015, il-Prosekuzzjoni ddikjarat dwar l-ewwel imputazzjoni illi s-sustanza mertu ta' din l-imputazzjoni kienet tikkonsisti fi tracci li nstabu gewwa *crusher* u li jirrizulta li din kienet ghall-uzu personali tal-imputat;

Rat ukoll illi fl-istess seduta, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat, kif ukoll illi s-sustanza mertu tal-ewwel imputazzjoni kienet tikkonsisti biss fi tracci tal-pjanta tal-*cannabis* u li kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, ghal fini tat-tieni imputazzjoni, l-imputat intab fil-pussess ta' qartas zghir li skond id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur kien fih inqas minn 3.5 grammi. Skond l-istess imputat, huwa kien ilu juza l-*cannabis* ghal madwar ghaxar snin (it-tieni

imputazzjoni tirreferi ghas-16 ta' Dicembru 2014 u l-hames snin ta' qabel) u dan billi jikkonsma minnha madwar darbtejn f'xahar. Fic-cirkostanzi u fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti taqbel mas-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet u dan fis-sens illi l-piena ghandha tkun wahda fil-minimu. Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2(1), 8(d), 12, 15A, il-proviso ghall-Artikolu 22(1B), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(f) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **multa ta' tmien mija u hamsin Euro (€850)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati, esebiti bhala Dokumenti HM u HM1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat